# SKOLA FI ŻMIEN IL-VAGANZI

Ftit jiem ilu, fil-gazzetta Taljana *L'Avvenire* (23/07) qrajt aħbar interessanti li ġġiegħlek tirrifletti: il-gvern Russu ta' Putin qiegħed jagħti 2900 dollaru fix-xahar lill-għalliema li jmorru jgħallmu lit-tfal Ukreni li jgħixu fil-belt okkupata ta' Mariupol u fi bliet oħra. Għalkemm l-iskola fir-Russja tiftaħ fl-1 ta' Settembru, se jsiru lezzjonijiet speċjali fil-vaganzi tas-sajf biex lit-tfal maħkuma mir-Russi jgħaddulhom lezzjonijiet fuq "l-eroj tal-patrija, ir-Russja fid-dinja, valuri li fuqhom isserraħ is-soċjetà Russa".



Din l-aħbar iġġiegħlek tirrifletti ħafna u minnha wieħed jista' jikkonkludi dan li ġej:

a) Putin jaf li biex jirbaħ il-gwerra jrid jirbaħ l-imħuħ tat-tfal iż-żgħar;
b) Mhux kulma ngħallmu lit-tfal huwa sewwa u korrett;
ċ) Il-ġenituri jridu jagħmlu minn kollox biex lil uliedhom jgħaddulhom il-verità tal-Vanġelu u l-verità storika.

***L-Arċipriet***

***Eighteenth Sunday in Ordinary Time - 31st July 2022***

ENGLISH CORNER

Ecc 1:2
Vanity of vanities, says Qoheleth,
vanity of vanities! All things are vanity!

"It is very often nothing but our own vanity deceives us". - Jane Austen

**Green Washing**
Hemm xi kumpaniji li meta jiġu biex ibigħu l-prodotti tagħhom jgħarrfu lix-xerrej li huma qegħdin jirrispettaw in-normi għall-ħarsien tal-ambjent. Meta l-kumpanija tgħid li l-prodott tagħha jirrispetta l-ambjent, sempliċiment biex tbigħ iktar mill-prodott tagħha, dan jissejjaħ green washing.

**AVVIŻI:**

**ĠIMGĦA MUSEUMINA fil-grawnd tal-MUSEUM SUBIEN NADUR:**

**Is-Sibt 6 t'Awwissu fit-8:00pm:** Laqgħa Ġuvintur u Old Boys. Kelliem: Anton Mercieca. Wara jkun hemm il-logħob tal-futbol.

**It-Tnejn 8 t'Awwissu fit-8:00pm:** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr minn Mons. Isqof u l-qassisin tal-parroċċa. Jitbierek il-lift u tinfetaħ wirja dwar il-75 sena tal-qasam tas-subien f'raħalna.

**It-Tlieta 9 t'Awwissu:** Jum ta' logħob għat-tfal li jibda fit-8:30am b'quddiesa u jispiċċa b'party fit-8:00pm.

**L-Erbgħa 10 t'Awwissu fit-8:30pm:** Feature dwar il-75 sena tal-Museum tas-subien b'mijiet ta' ritratti meħudin mill-albums tal-qasam.

**Il-Ħamis 11 t'Awwissu fit-8:30pm:** Adorazzjoni mmexxija mill-Kan. Dun Reuben Micallef.

**Il-Ġimgħa 12 t'Awwissu fit-8:30pm:** Play dwar Dun Mikiel Attard.

*Kulħadd huwa mistieden għal dawn l-attivitajiet.*

**IL-KORS TAL-GĦARAJJES:** il-koppji għarajjes li jixtiequ jibdew jew ikomplu s-sentejn ta' laqgħat ta' formazzjoni bi tħejjija għaż-żwieġ huma mħeġġa javviċinaw lill-Arċipriet biex japplikaw. Infakkru lill-koppji li jixtiequ jiżżewġu fil-Knisja, li jeħtiġilhom itemmu dawn is-sentejn ta' formazzjoni qabel ma jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ. Inħeġġu lill-għarajjes u namrati f'relazzjoni stabbli biex jattendu għal dawn il-laqgħat, anke jekk għadhom ma ddeċidewx id-data taż-żwieġ tagħhom. Ser ikunu qed jinżammu wkoll laqgħat f'Malta għal dawk l-għarajjes li jistudjaw jew jaħdmu Malta u ma jistgħux jattendu għal-laqgħat f'Għawdex. Il-laqgħat jibdew fl-aħħar weekend ta' Settembru.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 5 t'Awwissu, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** se jorganizza tombla kbira quddiem il-Każin tal-Banda nhar il-Ħamis 4 t'Awwissu fis-7:30pm. Trasport provdut minn kullimkien.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** se torganizza ħarġa għall-festa ta' Ħal Lija, il-Ġimgħa 5 t'Awwissu. Niltaqgħu l-Imġarr fl-4:15pm biex immorru mal-vapur tal-4:30pm. Niġu lura mal-vapur ta' 12:45am. Prezz €12. Biljetti mingħand Karistu Camilleri u Raymond Vella.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am